**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**Spettur William Cuschieri**

**vs**

**Alaref Fadel A Mana**

**Illum 17 t'Ottubru, 2016**

Il-Qorti;

Rat li Alaref Fadel A Mana u detentur passaport bin-numru JF11621P.

Akkuzat talli fis-16 t'Ottubru, 2016 ghall-habta tal-18:00 hrs, fl-ajruport internazzjonali ta' Malta, waqt li kien ser jitlaq fuq titjira TK 1372 lejn Istanbul, xjentement naqas li jiddikjara li kellu fil-pussess tieghu aktar minn ghaxart elef Ewro (€10,000) lill-Kontrollur tad-dwana, ai terminu ta' l-A.L 149 ta' l-2007 (L.S 233.07) dwar il-Kontroll ta' flus;

Din l-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitllu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti hija mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tinfliggi l-piena skont il-ligi tordna l-konfiska favur il-gvern ta' Malta l-flus mhux dikjarati li jeccedu l-ghaxart elef (€10,000).

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', l-fedina penali netta tal-imputat immarkat bhala Dok WS1; kopja tal-passaport tal-imputat li qed jigi mmarkat bhala Dok WS2; il-kunsens tal-Avukat Generali li qed jigi mmarkat bhala Dok WS3; il-passaport ta' l-imputat li qed jigi mmarkat bhala Dok WS4; stqarrija datata 16 t'Ottubru, 2016 immarkata bhala Dok WS5; cash declaration form immarkat bhala Dok MC1 u l-flus in kwistjoni mmarkati bhala Dok MC2.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu kif registrata fis-seduta datata llum 17 t'Ottubru, 2016.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement ippruvata, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati taghha.

Il-Qorti rat ukoll il-Fedina Penali ta' l-imputat li tinsab ezebita fl-atti tal-process u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li hija wahda netta.

Il-Qorti rat li l-imputat ikkopera b'mod shih mal-pulizija u ammetta ghall-imputazzjoni fi stadju bikri hafna ta' dawn il-proceduri u cioe' fl-ewwel opportunita' mghotija lilu

**Decide:-**

Ghalhekk il-Qorti qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni fuq l-ammissjoni cara u inekwivoka tieghu, izda ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, l-Qorti qeghda permezz ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat b'dan li ma ghandu jghamel l-ebda reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Il-Qorti qeghda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-ammont ta' wiehed u erbghin elf u tmien mitt Ewro (€41,800), hames mija u tnejn (502) Dinar Libjan u mitejn u ghoxrin dollaru Amerikan (USD 220), li huma l-flejjes mhux dikjarati, u dan ai termini tar-Regolament 3(5) ta' l-Avviz Legali 149/2007.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**